# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar is-17 ta' Frar 2021

**Rik. Gur. Nru.: 35/2019/3 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**NB**

**Vs**

**AG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AG datat 28 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' digriet interlokutorju datat 21 ta' Ottubru 2020, din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2020, fejn laqghat awtomatikament it-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici tas-7 ta' Jannar 2020, u ordnat notifika tal-istess lill-esponenti li kellu jwiegeb ghal tali talba fi zmien gimaghtejn.*

2. *Illi permezz tar-rikors taghha, l-attrici talbet sabiex ai termini tal-artikolu 175 (1) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi awtorizzata tinkludi talba gdida b'zieda mat-talbiet originali. It-talba in kwistjoni tikkonsisti fis-segwenti u cioe': Tordna lill-intimat ighaddi lir-rikorrenti dak l-ammont rapprezentanti alimenti retroattivi dovuti minnu versu l-minuri ghall-perjodu mit-2 ta' Lulju 2006 sal-14 ta' Dicembru 2016, jew dak il-perjodu li jista' jigi hekk stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u cioe' l-perjodu li jigi qabel il-jum li fih l-intimat beda attwalment jghaddi lir-rikorrenti r-retta alimentarja hekk kif stabbilit u ordnat mill-Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Settembru 2016.*

3. *Illi bl-akbar rispett, l-esponenti ma jaqbel ma xejn mal-korezzjoni kif awtorizzata u din minhabba l-fatt li permezz taghha, is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża ser jigu mibdula drastikament, u allura ma hija korrezjoni xejn.*

4. *Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi: Hlief kif provdut specifikatament mod iehor f'dan il-Kodici, appell minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed titratta l-kaz taghti permess specjali sabiex dan isir, liema permess ghandu jintalabbr'rikors li jigi prezentat fi zmien ghaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuh fil-Qorti. Il-Qorti wara li tkun semghet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata s-sentenza definittiva u t-terminu sabiex jigi prezentat tali appell ghandu jibda jghaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqghet li jsir dak l-appell.*

*Illi kif appena rileva, tl-esponenti jemmen illi ghandu ragunijiet validi sabiex jappella d-digriet tal-21 ta' Ottubru 2020 u ghalhekk qieghed jitlob permess specjali sabiex dan isir skont il-ligi.Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 229 (3) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta taghti l-permess mehtieg sabiex l-esponenti jappella mid-digriet moghti minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2020, salv kondizzjonijiet ohra xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NB datata 9 ta' Novembru 2020, a fol 7 et seq., li taqra hekk:

*Illi r-rikorrenti, permezz tar-rikors fl- ismijiet precitati, qed jitlob li jinghata dritt ta appell in segwitu ghad-digriet interlokutorju ta' din l- Onorabbli Qorti tal- 21 ta Ottubru 2020.*

*Illi kif tajjeb citat mill-istess rikorrenti, sabiex din l- Onorabbli Qorti taccedi ghat-talba tieghu u jinghata l- permess li jsir appell ai termini tal- artikolu 229(3) tal-Kap. 12 jrid jikkonvinci lil din l- Onorabbli Qorti li jkun ahjar u gust li l- kwistjoni tingieb quddiem il- Qorti tal- Appell.*

*Illi l- kwistjoni li tinsab ghal gudizzju ta din l-Onorabbli Qorti, originarjament bdiet n' parti fuq talba, fost hwejjeg ohra, sabiex r-rikorrenti jigi ordnat jikkontribwixxi nofs l- ispejjes ghal edukazzjoni u hwejjeg tal- minuri.*

*Illi t-talba li l- esponenti tablet li tigi mizjuda kienet dwar hlas ta arretrati ghal perjodu specifiku u ghalhekk, it-talba minnha nfisha hija komplementari ghat-talba originali. Talba li tista tingieb permezz ta proceduri godda u ghalhekk, ghal ekonomija tal- gudizzju, saret permezz tal- procedura kontemplata mill- Art 175(1) tal- Kap 12.*

*Illi jidher li r-rikorrenti ghandu diffikolta jgorr ir-responsabilita tieghu u bhala l-missier naturali tal- minuri jgorr huwa wkoll il- piz sabiex l-istess minuri titrabba kif ghandu jkun.*

*Illi ghalhekk, jekk tigi akkolta t-talba rikorrenti u jinghata permess sabiex jigi ntavolat l- appell dan ifisser dewmien inutile b'intenzjoni specifikata li jabdika mir-responsabilitajiet tieghu.*

*Illi dan kollu mghadud, u cioe, (a) dewmien intenzjonat sabiex l-esponenti tibqa gorr il-piz tat-trobbija tal-minuri wehidha u (b) l-fatt li r-rikorrenti qed jonqos milli jerfa' r-resposabilita tieghu versu t-trobbija tal- minorenni; dawn in-nuqqasijiet, minn infishom, zgur li ma jissodisfawx l- elementi rikjesti mil-Artikolu 229(3) u cioe li l- Qorti jidhirla li tali appell jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il- Qorti tal- appell qabel ma tinghata s-sentenza defenittiva.*

*Ili ghaldaqstant, in vista tal- fuq espost, l- esponenti titlob li t-talba kif dedotta permezz tar-rikors fl- ismijiet premessi, tigi respinta.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti tal-kawza;

Rat id-digriet taghha datat 21 ta' Ottubru 2020 li bih cahdet talba ghal rikonsiderazzjoni tad-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2020;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara rikors maghmul mill-intimat sabiex jigi awtorizzat jinterponi appell mid-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Ottubru 2020, ai termini tal-artikolu 229 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici fir-risposta taghha datata 9 ta' Novembru 2020 oggezzjonat ghal din it-talba u dana stante illi dan huwa tenattiv ta'dewmien intenzjonat da parti tal-intimat sabiex l-attrici tibqa' ggorr il-piz tat-trobbija tal-minuri wahidha.

Illi l-Artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti deskrizzjoni dettaljata dwar dawk id-digrieti li minnhom ma hemmx appell hlief mas-sentenza definittiva[1].

Digrieti indikati fis-subinciz 2 tal-Artikolu 229 ghandhom jinqaraw bil-miftuh fil-Qorti u jista jsir appell minn tali digrieti qabel is-sentenza definittiva[2].

---

[1] ***(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir bisswara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:***

***(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;***
***(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimenti tal-artikolu 173;***
***(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollija tal-kawża għal data oħra skont l-artikolu 195(3);***
***(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-artikolu 567;***
***(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587;***
***(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4);***
***(g)dwar il-ħatra ta' perit skont l-artikolu 646;***
***(h)digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-artikolu793(1);***
***(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;***
***(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża;***
***(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu;***
***(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);***
***(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.***

[2] ***(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):***

***(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-artikolu 674;***
***(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-artikolu 792;***
***(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skont l-artikolu 961;***
***(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;***
***(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;***
***f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4).***

Illi l-Artikolu 229 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

> ***(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.***

Illi minn ezami akkurat ta' l-artikolu 229, minn Qrati Maltin, jirrizulta:

> ***Illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).[3]***

L-intimat qieghed jibbaza din it-talba fuq l-artikolu 229 (3) su citat. It-talba odjerna tal-intimat kienet xprunata minn rikors prezentat nhar is- 7 ta'Jannar 2020[4] mill-attrici fejn talbet li tizdied talba gdid mar-rikors promotur dwa il-hlas ta' manteniment dovut mill-konvenut a tenur ta' l-

---

[3] Vide *Paul Tanti et vs Sammy Mifsud* deciza 19 ta'Novembru 2001 (Qorti tal-Appell Sede Superjuri).
[4] Vide rikors a fol 66.

Artikolu 175(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

> ***Tordna lill-intimat jghaddi lir-rikorrenti dak l-ammont rappresentanti alimenti retroattivi dovuti minnu versu l-minuri ghall-perjodu 02 ta'Lulju 2006 sa 14 ta' Dicembru 2016 jew dak il-perjodu li jista' hekk jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u cioe l-perjodu li jigi qabel il-jum li fih l-intimat beda attwalment jghaddi lir-rikorrenti r-retta alimentarja hekk kif stabbilt u ordnat mill-Qorti permezz ta' digriet tal- 21 ta' Settembru 2016.***

Illi din il-Qorti, permezz ta' digriet taghha datat 9 ta' Jannar 2020 kienet laqghet it-talba u ordnat notifika tal-istess lill-kontro-parti. Illi sussegwentement l-intimat kien intavola rikors datat 24 ta' Gunju 2020 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2020.

Permezz tad-digriet taghha datat 21 t'Ottubru 2020, din il-Qorti cahdet it-talba tal-intimat hekk kif dedotta fir-rikors tieghu datat 24 ta' Gunju 2020, u kkonfermat id-digriet taghha tad- 9 ta' Jannar 2020. In segwitu ta' dan id-digriet, l-intimat intavola r-rikors odjern u cioe dak 28 ta' Ottubru 2020, fejn qieghed jitlob sabiex jigi awtorizzat jinterponi appell mid-digriet tal-21 ta' Ottubru 2020.

Dak li trid tiddetermina dina l-Qorti huwa kemm-il darba din il-Qorti jidhrilha li jkun ***aħjar u ġust*** li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva o meno.

Il-Qorti regghet ezaminat l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta[5]; taghmel referenza pjena ghal dak minnha rilevat fid-digriet taghha tal-21 t'Ottubru 2020; di piu', tigbed l-atenzjoni ghal dak riternut fid-decisjoni mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: ***Diane Schembri, pro et noe v. Alfred Schembri & Sons Limited (C 11164)*** datata is-27 ta' Frar 2015. F'dik il-kawza, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-atturi biex tizdied talba ohra ma' dawk li kienu ghamlu fir-rikors promotur tal-kawza u naturalment l-appellanti opponu ghal din it-talba. It-talba mizjuda kienet biex l-appellati **"*izidu talba konsistenti fil-likwidazzjoni u kundanna ghal hlas ta' ammonti li kienu saru dovuti***

---

[5] *(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fattjew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

***fil-mori tal-kawza.”*** Fir-rikors tal-appell gew citati numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u jinsistu li l-Artikolu 175 ghandu jigi interpretat fis-sens li zieda kif mitluba mill-atturi ma kellhiex tigi permessa. Il-Qorti tal-Appell pero rriteniet:

> ***L-appellanti iccitat b'mod estensiv is-sentenza fl-ismijiet Mirabelli noe v. Gollcher noe (Appell, 14 ta' Marzu 1988); din il-Qorti se ticcita parti ohra minn din is sentenza; "dan l-artiklu (175) ... serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicita` ta' kawzi u dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal biex jigi stultifikat il-kuncett ta' gustizzja. Il-Qorti ziedet imbaghad li 'dan ma wassal qatt … biex tigi stultifikata l-istess ligi li tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezjoni."***
>
> ***Ghandu jinghad li dan l-artikolu gie mibdul diversi drabi (l-ahhar darba fl-1995 u allura wara s-sentenza msemmija) u dejjem b'mod li tat aktar licenzja lill-Qorti biex tordna t-tibdil mitlub; dejjem jibqa' importanti li ma jinbidel xejn fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni (f'dan is-sens anke wiehed jista' jiccita s-sentenza tal-Prim' Awla 1961 fl-ismijiet Buttigieg v. Laferla). Sentenzi aktar ricenti u allura moghtija wara l-introduzzjoni tal-ahhar emendi msemmija, jirriflettu aktar ix-xewqa tal-Qrati, in-sintonija ma' dak li tipprovdi l-ligi, li tevita multiplicita` tal-kawzi meta il-vertenzi jistghu jigu decizi f'kawza wahda; fil-kawza fl-ismijiet Abela v. Busietta Gardens Madliena Limited, (Appell Civili, 16 ta' Frar 2004) il-Qorti ippermettiet zieda fl-att promotur meta l-atturi, wara li kienu ghamlu originarjament talba ghal trasferiment ta' propjeta` riedu jzidu t-talba ghad-danni meta saru jafu li dik il-propjeta` kienet gia` giet trasferita mill-konvenuta.***
>
> ***Is-sentenza fl-ismijiet Arthur Micallef et v. Oliver Cachia (Appell Inferjuri) 17 ta' Novembru 2004 fost affarijiet ohra qalet hekk; "Huwa assodat illi l-legislazzjoni u l-gurisprudenza ilhom progessivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv fonti ta' litigi zejda u prokrastinazzjonijiet inutili basta ovvjament ma tirrizultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi…***
>
> ***Din is-sentenza, wara li iccitat sentenza ohra tal-istess Qorti moghtija fl-4 ta' Dicembru 1995 fl-ismijiet Magistrat Dottor John Formosa v. Joseph Fenech, kompliet qalet; "F'dan il-kaz l-atturi talbu s-sostituzzjoni tal-ammont originarjament mitlub bhala danni. Imkien ma ntalbet modifika jew sostituzzjoni***

***minhabba konsiderazzoni gdida ta' dritt. Ifisser ghalhekk li l-korrezzjoni mitluba ghandha tigi valutata fil-qafas tal-istess konsiderazzjoni ta' dritt kif premessa fit-talba orignali. Huwa veru li l-ligi timponi limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li takkorda l-korrezzjoni fejn din tkun tolqot is-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz. F'dan il-kaz pero` t-talba primarja tal-atturi kienet u baqghet l-istess."***

***…iz-zieda timporta ukoll li una volta awtorizzata l-att kif korrett ghandu jerga' jkun notifikat lill-parti konvenuta u li din ikollha l-fakolta` biex jekk thoss il-htiega, tissolleva kull eccezzjoni lilha spettanti skont il-ligi anke li ttella' kull prova ulterjuri u taghmel kull sottomissjoni dwarhom (Abela v. Busietta Gardens, supra). Dan maghdud pero`, ma ghandux ikun ta' xkiel ghall-akkoljiment tat-talba tal-atturi ghaz-zieda u allura anke l-aggravju relattiv huwa respint.***

In vista tas-suespost, u fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ma tqisx li jkun **aħjar u ġust** li l-kwistjoni odjerna tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad ir-rikors tal-intimat tat- 28 t' Ottubru 2020.**

**Bl-ispejjez kontra AG.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**